# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 15 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 1305/00**

**Numru 28**

**Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurrat taghha Josanne Montebello u l-istess Josanne Montebello**

**vs**

**Darren Cranmer u Brian Cranmer**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta' attrici nomine et sabiex ihallsu in solidum bejnietom lill-atturi s-somma komplessiva ta' hames mija tnejn u sebghin lira tnejn u hamsin centezmu (Lm572.52c) (Lm409.27c lis-socjeta attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm163.25c lill-attrici Josanne Montebello) in liena ta' danni mill-konvenuti sborsati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Fgura fit-2 ta' Frar 2000 meta waqt li l-konvenut Darren Cranmer - meta kien ghadu minorenni - kien qed isuq

vettura Nru MMA 009 - liema vettura kienet fil-kustodja tal-konvenut Brian Cranmer missier l-istess Darren Cranmer - habat mal-vettura Nru TOP 229 propjeta ta' l-attrici Josanne Montebello li kienet ipparkjata - prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni l-konvenuti huma responsabbli in solidum.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' April 2000 u bl-imghax legali mid-data tal-presentanta tal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici nomine et sabiex il-konvenuti "in solidum" bejniethom jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-3 ta' Ottubru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-avviz u tikkundanna lill-konvenuti "in solidum" bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm409.27,0 u lill-attrici Josanne Montebello is-somma ta' Lm163.25,0 bl-imghax legali mid-19 ta' Settembru 2000 sad-data tal-

pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' April 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg